Diff: 17/04/2002

# TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 253/02AJD**

**Buhagiar Paul et pro noe**

**vs**

**Abela Nutar Joseph LL.D**

**Seduta mizmuma illum it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**l-attur Joseph Buhagiar, minn jeddu, bil-Malti bil-gurament tieghu jghid:**

**Jiena u huti konna propjetarji ta' fond li jinsab numru 36, Triq Sant Anna, Mosta. Xi zmien ilu ahna bihhejna l-imsemmi fond lil terzi. Qed**

**nesebixxi kopja tal-kuntratt relattiv li qed jigi immarkat bhala Dok JB1. Il-fond in kwistjoni bihhejnieh lil certu Frank Calleja kif jirrizulta mill-istess kuntratt.**

**Il-kuntratt gie ippublikat mill-konvenut u cioe min-Nutar Joseph Abela. Il-kuntratt gie pubblikat l-ufficju ta' Sarah Grech ta' Sliema. Is-senserija ta' Lm1500 thallset minna dakinhar stess li gie ippublikat il-kuntratt. Dan l-ammont gie mhallas minni u minn huti u cioe il-vendituri.**

**Nixtieq nghid illi jien u huti la nafu niktbu u lanqas naqraw. Nghid illi malli iffirmajna il-kuntratt il-property negotiator ta' Sarah Grech hareg formola li talabna niffirmawa. Huwa qalilna li din il-formola talabna biex niffirmawa bhala parti mill-kuntratt. Oltre dawn l-Lm1500 li hallasna bhala senserija, is-socjeta Sarah Grech talbitna inhallsu Lm1000 ohra bhala senserija.**

**Ahna irrifjutajna li nhallsu din l-Lm1000 u wara diversi kwistjonijiet u argumenti huma nizlu t-talba taghhom ghal Lm500. Ahna ma accetajniex li nhallsu dawn il-Lm500 zejda bhala senserija addizjonali, izda il-Lm500 baqghu ghand in-Nutar Abela fis-sens illi huwa**

**naqqashom mill-ammont illi ahna thallasna bhala prezz ghall-fond in kwistjoni.**

**Qed nesebixxi kopji ta' tlett ittri li ntbghatu lin-Nutar Abela li qed jigu immarkati bhala Dok JB2, Dok JB3 u Dok JB4. Nixtieq nghid illi wara li gie iffirmat il-kuntratt ahna qatt ma rcevejna ebda interpellazzjoni minghand Sarah Grech sabiex inhallsu dawn il-Lm500. Ma inghatajna l-ebda rcevuta in kwantu jirrigwarda l-Lm1500 senerija li hallasna fuq il-kuntratt.**

**Kontro-ezami riservat.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' Joseph Buhagiar dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**
**Traskrittur**